**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1513/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Toussaint Azzopardi**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Toussaint Azzopardi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **351858M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Ottubru 2023 għal ħabta ta' 08:23hrs ġewwa Ħal Luqa:

i. Waqt stagun magħluq għat-tehid tal-għasafar ha jew prova jieħu xi ghasfur, u dan bi ksur tar-Regolement 18(1)(c) ta' L.S. 549.42;

ii. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm hajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingharaf jew derivattivi ta' xi ghasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III, u meta dak l- ghasfur ma kienx gie importat legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), jew gie mehud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42;

iii. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, ikkaċja jew prova jikkaċja, ha jew prova jieħu għasafar li huma protetti taht dawn ir- regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il- konduzzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata tahtha, u dan bi ksur tar- Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

iv. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi nasab fuq sit li ma ġiex irregistrat u approvat mit-Taqsima tar-regolamentazzjoni għall- Għasafar Selvaggi, u dan bi ksur tar-Regolament 12(d) ta' L.S.549.145 u bi ksur tat-tieni proviso tar-Regolament 8(2) ta' LS.549.42;

v. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki, u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(e) ta' L.S.549.42.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Gunju 2024, fejn iddikjarat lill-appellant mhux hati tar-raba' akkuza u konsegwentement illiberatu minn din ir-raba' akkuza filwaqt li sabitu hati tal-bqija tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li jistghu jithallsu permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' erbghin ewro (€40), u ordnat l-konfiska tal-oggetti u l-ghasafar indikati f'DOK RC3 u s-sospensjoni ta' kull permess u licenzja relevanti mahruga taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 u t-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-pulizija ghal perijodu ta' tliet snin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Toussaint Azzopardi preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Lulju, 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tar-raba' (4) imputazzjoni, u;

- Thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal- ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet u minflok tilliberah minnhom, jew;

- B'mod sussidjarju u strettament mingħajr pregudizzju għat- talbiet precedenti, tvarja l-piena erogata b'wahda iktar ekwa u gusta.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

i. Nhar it-3 ta' Ottubru 2023, fil-hinijiet ta' filgħodu, Ms. Fiona Burrows, li tifforma parti mill-Committee Against Bird Slaughter (CABS), għaddiet *coordinates* ta' akwata ġewwa Ħal -Luqa lill-Pulizija fuq suspett li persuna kien qiegħed jonsob illegalment fl-istess akwati.

ii. PS130 R. Farrugia u PC544 D Micallef irrikorrew għal fuq il-post, fejn sabu lill-appellant biswit dura b'senter tal-kaċċa f'idejh, filwaqt li elevaw varji effetti relatati mad-delizzju tal-insib, fosthom żewġt mnasab li kienu attivati u armati, In segwitu, il-Pulizija xliet lill-appellant bl-imputazzjonijiet supra- dedotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

4. L-appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu u b' hekk qiegħed jinterponi dan I-umli appell quddiem dina 1-Onorabbli Qorti.

L-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Il-Lok bhala element *sine qua non* ta' affidavit**

6. Il-linja difensjonali solita prospettata mid-difiża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet waħda čara u sempliċi hafna u čirkondata fuq il-fatt li l-affidavits ta' PS130 R.

Farrugia u ta' PC544 D. Micallef[1] huma inammissibbli u nieqsa minn kull valur probatorju in kwantu l-istess żewġ affidavits, fl-attestat tagħhom, ma jindikawx il-lok fejn ittieħed il-ġurament u kwindi ma ġiex sodisfatt il-vot tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Ma hemmx dubju li affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku, jekk redatt regolarament, jista' jingieb bi prova fi proċeduri penali sommarji fit-termini tal-artikolu 360A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Pero' sabiex affidavit igorr miegħu valur probatorju irid ikun jinkludi fih il-partikularitajiet stipulati mill-ligi, fosthom iżda mhux biss, dawk imsemmija fl-artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta - li għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb ser jiġi hawn testwalmet prodott:

"7. Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi mehud gurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza ghandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-gurament ikun ġie mehud jew l-affidavit ikun sar:

Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi mehud gurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil- jurat jew fl-attestat <u>il-lok</u> u d-data li fihom il-gurament ikun ġie mehud u li l-gurament ġie mehud bil-mezzi elettronicí." [enfasi miżjud mill-appellant].

9. Fil-każ odjern, filwaqt li ż-żewġ affidavits *de quo* jinkludu fl-attestat tagħhom isem il-kummissjunarju, il-firma tal-istess u d-data ta' meta 1- gurament allegatament ittiehed, fil-parti fejn suppost huwa indikat il-lok, hemm biss annottat il-kliem: '*E.P.U*'.

10. Ma hemmx dubju li 'EPU' tfisser 'Environmental Protection Unit', ossia branka speċjalizzata fi ħdan il-korp tal-Pulizija, bhal ma huma, għal fini ta' eżempju, is-Cyber Crime Unit (CCU), ir-Rapid Intervention Unit (RIU), l-iSpecial Investigation Unit (SIU) u l-iStolen Vehicle Squad (SVS).

11. Biss pero', b'kull rispett, referenza għal branka jew skwadra speċjalizzata fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ma hix indikazzjoni ta' lok u bl-ebda' tiġbid tal- immaginazzjoni ma tista titqies bħala tali.

12. Uffiċjal tal-Pulizija jista' jkun jifforma parti mill-EPU, mis-CCU, mill-RIU, mill-SIU jew mill-SVS pero' l-gurament tiegħu jista' jieħdu quddiem Kummissjonarju ġewwa l-ahrax tal-Mellieħa jew fi kwalsiasi post ieħor taht il-kappa tax-xemx li jaqa' fil-limiti tat-territorju Malti.

13. II-liġi hija cara daqs il-kristall u ma tagħti lok għal ebda' interpretazzjoni. L-attestat tal-ġurament irid ikun jinkludi l-lok fejn ikun ittieħed il- ġurament. Anzi l-liġi ma tieqafx hemm u tenfasizza li l-kummissjunarju "*ghandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data...*". Kwindi l-ligi tikkwalifka l-ħtieġa li jigi indikat il-lok b'mod li tgħid li dan ghandu jiġi indikat "sewwa".

14. Żgur mhux forsi, referenza ghal branka 'EPU' ma hix referenza għal lok, multo magis "dikjarazzjoni sewwa tal-lok".

15. F'dan l-isfond, l-appellant ma jistax jikkondividi l-motivi postulati fis- sentenza appellata mill-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu jingħad is- segwenti: "... bl-istess mod li kieku l-ġurament ittiched fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita' biex wiehed jifhem fejn ittiched il-ġurament."

16. B'kull dovut rispett, din l-analogija hija waħda fallaċi in kwantu bl-istess riga u bl-analogija użata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-affidavits tal- Pulizija f'dan il-każ kellhom, tal-anqas, jinkludu l-binja fejn il-gurament ttiehed eżempju ġewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija jew ġewwa l- Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara. Kieku dan kien il-każ, id-difiża lanqas biss kienet tithajjar tressaq il-quddiem din il-linja difensjonali għaliex referenza ghal binja, bhal ma hija l-binja tal-Qorti, għalkemm xorta ma hix "dikjarazzjoni sewwa" ta' lok, hija suffiċjenti sabiex tissodisfa l-vot tal-liġi.

17. Pero' f'dan il-każ, a kuntrarju ta' dak suggerit mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-analoġija odjuża użata fis-sentenza appellata, ma għandniex indikazzjoni tal-binja iżda għandna biss indikjazzjoni ta' skwadra speċjalizzata fi ħdan il-Korp tal-Pulizija - xi ħaġa kompletament estraneja minn dak li titlob il- liġi fl-artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Ligijiet ta' Malta.

18. Ghal dawn il-motivi, gialadarba l-każ kollu tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq id-deposizzjonijiet ta' PS130 R. Farrugia u ta' PC544 D. Micallef, kif kontenuti fl-affidavits irregolarment redatti u li kwindi allura huma nulli u bla effett fil-ligi, jkun ifisser li ma jifdalx prova wahda ammissibbli fil-ligi, la diretta u lanqas indiretta, li tipponta lejn l-appellant *qua* awtur tal- imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

19. Dan qiegħed jingħad għaliex jekk wiehed iwarrab fil-ġenb l-affidavits ta' PS130 R. Farrugia u ta' PC544 D. Micallef, kull ma jkun jifdal in atti huwa t-testimonjanza ta' Cassie Grech ta' nhar 1-24 ta' Mejju 20243, li *qua* rappresentant tad-WBRU spjegat biss x'gie mgħoddi lilha minn PS130 R. Farrugia u minn PC544 D. Micallef u t-testimonjanza ta' Fiona Burrows tal- istess jum[1] li tgħid biss li għaddiet coordinates ta' akwati ġewwa Ħal Luqa lil Pulizija fuq suspett ta' insib illegali nhar it-3 ta' Ottubru 2023.

20. Għaldaqstant jirriżulta li fl-assenza tal-affidavits legalment inammissibbli ta' PS130 R. Farrugia u ta' PC544 D. Micallef, il-Prosekuzzjoni kienet fl- impossibilita' li tipprova l-każ tagħha kontra l-appellant sal-grad rikjest mill-liġi u b'hekk l-appellant kellu jiġi illiberat minn kull ħtija u piena.

**B. Dwar il-Piena Erogata**

21. Strettament mingħajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, hija l-umli fehma tal-appellant li l-piena ta' multa fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) oltre' skwalifika tal-liċenzja relevanti għal żmien tliet (3) snin hija wahda oneruża u timmerita temperament tenut kont numru ta' fatturi mitiganti li l-appellant ser jinoltra fuqhom fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokkumenti esebiti u ezaminat ix-xhieda imresqa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2024 meta l-kawza giet differita gha-sentenza.

**Ikkunsidrat**.

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqar li l-affidavits rilaxxjati mill-pulizija u cioe PS 1330 Roderick Farrugia u PC 544 D Micallef ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi u appuntu l-artikolu 7 tal-Kaptiolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament ghaliex ma giex indikat il-lok fejn inghata il-gurament.

Illi huwa permess skond l-artikolu 360A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l-prosekuzzjoni tippreneta ix-xhieda taghha meta si tratta ta' ufficcjali tal-pulizija permezz ta' affidavits minflok ma dawn joqghodu jitilghu jixhdu viva voce il-Qorti waqt proceduri somamrji l-Qorti. Huwa pero importanti li l-gurament li jinghata lill-pulizija minn ufficcjal tal-pulizija li jkun ukoll kummissarju b'setgha li jaghti

gurament nominat fit-termini tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kumissarjonarji b'setgha li jaghtu gurament .

Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal 1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-Commissioners for Oaths Act 1889 ta'l-Ingilterra u Wales. Din il-legislazzjoni tipprovdi dwar il-partikularitajiet li għandu jkun fih il-jurat jew l-attestat;-

> *7.Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*
>
> *Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi*

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car u uniku li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem 'ghandu jiddikjara' u jkkwalifika ukoll bil-kelma 'sewwa'. Il-legislatur ma jzuaw il-kelma ' jsita' f'liema kz kemn kun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l-gurament. Harsa lejn il-versjoni Ingliza hemm il-kliem 'shall state truly' li hua jindika obbligu tassattiv. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson [1]</u>** il-Kummissarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament huw obbligat bil-ligi li jindika l-loik fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.

Illi f'dan il-kaz pero kuntrarjament ghal dak li sehh fis-sentenza appena citata l-pulizija ma naqsux jindikaw l-lok fejn ittihed il-gurament u dan ghaliex hemm isem il-pulizija, in-numru tas-servizz tieghu, id-data tal-gurament u cioe l-14 ta' Marzu 2024 u bhala lok hemm indikat E.P.U registry u ghalhekk dan ifisser li l-gurament gie mehud fir-registru tal-'Environmental Protection Unit'. Kif tajjeb inghad mill-ewwel qorti u dan

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Magistrat Dr Jean Paul Grech

ghaeix din l-eccezzjoni giet ukoll sollevata quddiemha li dan hu ufficcju statali u pubbliku u ghalhekk l-indikazzjoni moghtija hija sufficjenti biex il-Qorti u l-partijite jifhmu u ma jkollomx dubbju ragonevoli dwar fejn ittiehed il-gurament. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint fl-intier tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti ma hiex ser tiskarta l-affidavits tal-pulizija li gew esebiti f'dawn l-atti u sejra taghmel ezami akkurat tal-provi <u>KOLLHA</u> imressqa u dan sabiex tara jekk l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed '*safe and satisfactory*'.

Rat ix-xhieda ta' **PS 1330 Roderick Farrugia** moghtija permezz tal-affidavit esebit fl-atti a fol. 15 markat bhala Dok RC4. Jghid li nhar it-3 ta' Ottubru 2023 ghall-habta tat-9.00 ircieva telefonata minn naha ta' Fiona Burrows li hija membru tal-CABS fejn qaltlha rigward rapport ta' insib illegali gewwa Hal Luqa fejn din ghaddietilha set ta' coordinates.

Huma irrikorrew fuq il-post fejn hekk kif dahhlu gewwa l-ghaqla nnutaw zewg imnasab armati bl-ghasafar. F'wiehed mill-imnasab innota li kien hemm malvizz imbragatt fuq par xbieki 35, u fil-mansab l-iehor ghasafar tal-ghana bix-xbieki 18mm. Minn gewwa dura minn fejn kienu dehlin il-hbula sabiex tigbed il-mansab kien hemm persuna maskili fejn gie identifkat bhala Toussaint Azzopardi.

Qabel kien mitkellem is-sur Azzopardi gie moghti id-drittijiet legali tieghu fosthom li jibqa' sieket u li jista' jkellem avukat tal-fiducja tieghu. Dan id-dritt Toussaint irrinunzja ghalih u iffirmha dikjarazzjoni. Gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-istagun kien maghluq fejn kien ukoll infurmat li bhal dak il-hin ma kienet ghaddejja l-ebda deroga specjali li tippermetti insib fuq xi speci. Minn naha tieghu Toussaint stqarr li l-kacca kienet miftuha.

Toussaint kien ordnat sabiex jzarma l-imnasab fejn hemm ghamel. Dawn iz-zewg pari xbieki kienu elevati flimkien ma' 4 Sponsuni, Ekru u Malvizz li kien tat-tahrik. Toussaint ta dawn l-affarjiet elevati gie moghti ricevuta. Huwa kien infurmat li kien ser jigi imharrek. Aktar 'l quddiem bl-istess ghasafar marru WBRU fejn hemm Cassie Xiberras Grech iccekjat l-ghasafar u dawn instabu mhux konformi mar-regolamenti, ghalhekk gew mharba gewwa Gnien San Maison aktar 'l quddiem.

Flimkien ma dan l-affidavit hemez kopja tar-rifjut ta l-avukat , kopja tal-ircevuta li nghatat lil Toussaint ta' l-affarijiet u set ta' seba' ritratti mehuda dakinhar.

Rat ix-xhieda ta' **PS 544 D. Micallef** moghtija permezz tal-affidavit esebit fl-atti a fol. 17 mmarkat bhala Dok RC5 li kkonferma dak kollu li ntqal mix-xhud precedenti u cioe PS 1330 Roderick Farrugia.

Rat ix-xhieda ta' **Cassie Grech** moghtija nhar l-24 ta' Mejju 2024 fejn stqarret li nhar it-3 ta' Ottubru, 2023 , PS 130 flimkien ma' PC 544 cemplu lil WMBRU li kienu ser jiehdu xi ghasafar li kienu gew elevati minghand Toussaint Azzopardi ghaliex dan kien instab jonsob waqt stagun maghluq. Tghid li fit-3 ta' Ottubru 2023 ma kien hemm l-ebda stagun miftuh dakinhar.

Is-surgent flimkien mal-pulizija gabulhom sitt ghasafar li gew ccekkjati gew vverifikati dak il-hin stess quddiem l-pulizija. L-ghasafar kienu Malvizz li ma kienx mlibbes l-ebda curkett, kien hemm erba' Sponsuni u tnejn ma kellhom l-ebda curkett. Wiehed kellu R16U falz li qatt ma kien inhareg mill-WBRU u wiehed kien imlibbes zewgt ic-criket. Kien hemm split ring u kien imlibbes R 16U falz, kien hemm ukoll Ekru li kien imlibbes R16U falz ukoll. Dawn is-sitt ghasafar kienu qeghdin fil-pusess illegali tas-sinjur u gew rilaxxjati dak il-hin ma' WBRU u mal-pulizja il-Buskett.

Hija esebiet licenzja generali li ghandu Toussaint Azzopardi li giet markata bhala dok CG1, seizure of Live Birds Report li gie markat bhala dok CG2, ritratti tal-ghsafar li gew mmarkati bhala dok CG3, Close up ta' R16U rings li tnehhew minn fuq l-ghasafar li gew markati bhala dok CG4, dokument ta WBRU li juri genuine R16U rings li gew markati bhala dok CG5, ic-creket li tnehhew minn fuq l-ghasafar li gew markati bhala dok CG6. Fuq l-lok ma marritx u ghalhekk imxiet fuq l-informazzjoni li giet moghtija lilha mill-pulizija.

Rat ix-xhieda ta' **Fiona Burrows** moghtija nahr l-24 ta' Mejju 2024 fejn stqarret li nhar t-3 ta' Ottubru, 2023 kient Hal Luqa u kellha suspett li kien ghaddej xi insib illegali. Ma setghetx tavvicina l-ghelieqi sabiex tiehu filmat izda meta harset lejn Google Earth indunat li seta kien hemm mansab illegali. Dak iz-zmien l-insib ma kien permess kien

qabel ma fetah l-istagun. Cempet lill-ufficcju tal EPU u tathom il-GPS co-ordinates ta' fejn kellha suspett li kien hemm mansab illegali u telqet minn fuq il-post. Aktar tard l-ufficcju tal-EPU infurmaha li kienu marru f'dak il-lok li kienet taghthom u sabu xi hadd li kien qed jonsob accidentalemt u qalulha li kienu kkonfiskaw xi ghasafar u xbieki mis-sit. Hija esebit rapport  li juri l-lok ta' fejn sehh dan kollu li gie mmarkat bhala dok FB1.

Illi jinghad li l-appellant ma xehedx kif kellu kull dritt li jaghmel u lanqas ma ressaq xhieda in difesa tieghu.

Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **Il Pulizija vs. Joseph Zahra**[2] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

**Ikkunsidrat**.

Dwar l-ewwel akkuza jinghad li l-apppellant qed jigi akkuzat li kellu fil-kontrol tieghu jew zamm xi ghasafur. Dwar din l-akkuza bizzejjed wiehed ihares lejn l-affidavits tal-pulizija u cioe ta' PS 130 u OC 544 li ma gewx kontradetti mid-difiza u l-akkuza tirrizulta provata. M'hemmx dubbju li l-appellant instab fil-pusess ta' sitt ghasafar illegali kif mistqar minnhom aktar il-fuq u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata kif stqarret l-ewwel Qorti. L-appellant instab minnhom jonsob b'zewg mansab attwali bi xbiek u b'ghasafar imdawrin maghhom kif murija fir-rirtratti esebitit.

[2] Deciz nhar l-10 ta Mejju 2002

Dwar it-tieni akkzua u cioe  talli kien fil-pusess jew kellu l-kontrol jew zamm ghasfar hajjin li ma kienux inkluzi fl-iskeda u ma kienux gew importati skond id-disposizzjonijiet tal-ligi jew gew mehuda jew akkwistati legalment minn xi Stat Membru jew imrobbi fl-maghluq. Din ukoll tinsab provata minn dan mistqarr mill-ufficjali tal-pulizija u Cassie Grech. L-appellant kien qed jonsob b'mod illegali ghaliex l-istagun kien maghluq u ghalhekk kwalsiasi ghasfur li qabad inqabad b'mod illegali.

Dwar it-tielet akkuza l-appellant gie akkuzat talli ikkaccja jew pprova jikkacca jew ha jew pprova jiehu ghasafar li huma protetti. Il-Qorti semghet lill-ufficjali tal-pulizija jghidu kif sabu sitt ghasafar ghand l-appellant li huma Ekru, Sponsoon u Malvizz li kienu ghasafar tat-tahrik. Rat li fl-affidavit taghhom kkonfermaw li l-appellant  kellu senter f'idu. Semghet lil Cassie Grech  tghid li z-zamma taghhom fl-istat li jinsabu kienet  wahda illegali tant li anke kellhom crieki hziena u ghalhekk din ix-xhieda li ma gietx kontradetta mid-difiza ghandha titwemmen u konsegwentement l-akkuza tirrizulta provata.

L-ahhar akkuza u cioe il-hames wahda tikkoncerna l-uzu ta' xbieki. Din ukoll tirrizulta provata mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post wara li dahlet it-telefonata minn Fiona Burrows; PS 1330 Farrugia u  PC 544 it-tnejn jghidu li l-hbula tal-mansab gew migbuda waqt li kienu hemm fid-dura.

Ghalhekk dawn l-erbgha akkuzi u cioe' l-ewwel (1), it-tieni (2) it-tielet (3) u l-hames akkuzi jirrizultaw provati sodisfacentement.

Dwar il-piena  l-appellant jistqarr li hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata

fil prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'.

This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of

Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena*

*erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi fil-kaz odjern il-Qorit rat li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u ma hemm l-ebda rguni 'l ghalix ghandha tiddipartixxi mill-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-multa nflitta.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tar-raba' akkuza u lliberatu minnha u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuzi l-ohra fejn l-appellant gie kkundannat multa ta' elf u mitejn euro ( €1,200) u qeda ukoll taghti l-fakolta lill-appellant ihallas tali multa f'rati mensili u konsekuttivi fl-ammont ta' €40. F'kaz li jonqos li jagheml imqarr pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Qeda ukoll tikkonferma is-sospnsjoni ta' kull permess u licenzja relattiva mahruga taht l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 u t-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulzija ghal tlett snin.

Tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti u l-ghasafar ndikati f'Dok RC3.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef